DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 8 ta' Ottubru 2014

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 171/2014

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Tony Pace – Uffiċċjal Edukattiv, Primarja

**Suġġett:** Studju Soċjali *Fieldwork* għat-Tielet Sena tal-Primarja

---

Skont it-tibdil li daħal fis-seħħ mis-sena skolastika preżenti (2014-15) fl-Istudji Soċjali, l-istudenti tat-tielet sena primarja għandhom jagħmlu dan it-taħriġ:

| | **Żmien** | **Taħriġ** |
|---|---|---|
| A | bejn Ottubru u Jannar | *fieldwork*: **MADWAR L-ISKOLA TAGĦNA**; il-*fieldwork notes* ser jitqassmu fl-iskejjel kollha f'Ottubru. |
| B | bejn Jannar u Mejju | l-għalliema u l-istudenti jagħżlu li jaħdmu fuq eżerċizzju wieħed minn dawn:<br>▪ (jew) *fieldwork* ieħor<br>▪ (jew) proġett wieħed magħżul minn lista – għal-lista tal-proġetti idħol fil-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/ |

Fil-każ tat-tieni *fieldwork*, dan jista' jsir jew fir-riserva naturali tas-Simar, Malta jew Wied il-Lunzjata f'Għawdex. Il-klassijiet tat-tielet sena jistgħu jibbukkjaw is-sessjoni tagħhom billi jċemplu fuq in-numru 21347646. Billi n-numru ta' sessjonijiet li jistgħu jsiru huwa limitat, ma jintlaqgħux iżjed applikazzjonijiet wara li jimtlew il-ġranet disponibbli. Il-*fieldwork* qiegħed jiġi organizzat b'kollaborazzjoni ma' *BirdLife Malta*.

Dwar it-tieni *fieldwork*:
1. Is-sessjoni tibda fid-9.30am u tispiċċa fil-11.00am.
2. F'kull żjara jiġu aċċettati mhux aktar minn tletin student/a.
3. L-istudenti huma mistennija li kollha jġibu magħhom kopja tal-*fieldwork notes* uffiċjali li jistgħu jitniżżlu minn fuq il-websajt tal-Istudji Soċjali, kif ukoll lapes u sett kuluri.
4. Is-sessjoni titmexxa mis-Sur Jason Aloisio, għalliem, flimkien mal-għalliema tal-klassi li tkun qed tagħmel it-taħriġ.
5. It-trasport lejn is-sit u lura lejn l-iskola huwa responsabbiltà tal-iskejjel.

Nirringrazzjakom tal-ko-operazzjoni.

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**